MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 2068/2004/1

**John Cilia**

**vs**

**Grand's Real Estate Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Frar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu peress illi l-attur kien inkarigat bhala negozjant tal-proprjeta' bi hlas a bazi ta' kommissjoni miftiehma mas-socjeta' konvenuta; u peress illi fl-24 ta' Novembru 2003, l-attur biegh proprjeta' illi kienet tappartjeni lis-socjeta' konvenuta ghall-ammont ta' tnejn u hamsin elf lira Maltin (Lm52,000); u peress

illi l-kommissjoni ammontanti ghal sebgha mija, tmienja u ghoxrin lira Maltin kif miftiehem kien dovut u s-socjeta' konvenuta interpellata sabiex tersaq ghall-hlas baqghet inadempjenti; ghaldaqstant l-attur jitlob bil-qima lil dan l-Onorabbli Tribunal jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sebgha mija, tmienja u ghoxrin lira Maltin, rapprezentanti kommissjoni dovuta ghall-bejgh ta' proprjeta' mill-attur fl-inkarigu tieghu bhala negozjant tal-proprjeta' mas-socjeta' konvenuta fl-24 ta' Novembru 2002.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi (i) preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti u dan ai termini ta' l-Artikolu 2148(e) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati bil-fatt u fid-dritt u dan stante illi fl-24 ta' Novembru 2002, is-socjeta' konvenuta ma bieghet l-ebda proprjeta' lill-terzi; (iii) illi minghajr pregudizzju u in ogni kaz, l-attur huwa debitur tas-socjeta' konvenuta f'somma akbar ta' elf tliet mija u tletin lira Maltin (LM1,330) u dank if ser jigi spjegat ahjar fil-kontro-talba. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra l-kontro talba tas-socjeta' konvenuta li biha talbet illi l-attur rikonvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' elf, tliet mija u tletin lira Maltin (Lm1,330) rapprezentanti flus migbura mill-attur rikonvenut dovuti lis-socjeta' konvenuta rikonvenjenti in konsegwenza tal-bejgh tal-proprjeta' li ggib l-isem Palazzo Quirinale, Flat No. 8, Triq il-Port Ruman, Qawra, liema flus l-attur rikonvenut ghadu ma hallasx. Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenut u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-attur ghall-kontro talba tas-socjeta' konvenuta, fejn ecepixxa illi (i) l-ewwelnett fir-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-

Artikolu 2148 (e) mhuwiex applikabbli fic-cirkostanzi bejn il-partijiet ghaliex ir-relazzjoni ta' bejniethom m'hijiex dik naxxenti bejn klijent ossia venditur/xerrej u s-sensar izda hija relazzjoni kontrattwali mas-socjeta' attrici li titqies hi bhala sensal fit-tranzazzjoni u mhux l-esponent; (ii) u l-eccipjent m'ghandu jaghti l-ebda flus lis-socjeta' attrici ghall-bejgh pretix ghax minkejja li huwa ta' opportunita' lis-socjeta' attrici sabiex jekk tkun tista' twassal ghall-bejgh tal-proprjeta' imsemmija, in effetti din ma rnexxilhiex taghmel hekk u kien l-eccipjent wahdu fil-kapacita' indipendenti tieghu li wassal il-kontraenti ghal dan il-bejgh. Ma kien hemm l-ebda ftehim mas-socjeta' attrici (Sic!) dwar qsim jew partnership ta' senserija f'kaz bhal dan.

Sema x-xhieda ta' l-attur John Cilia.

Sema x-xhieda ta' George Spiteri prodott mis-socjeta' konvenuta.

Sema x-xhieda ta' Ronnie Camilleri prodott mis-socjeta' konvenuta

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi fl-ewwel lok, it-Tribunal ser jghaddi biex jittratta t-talba tal-attur, u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' attrici.

Illi fl-Avviz minnu pprezentat, l-attur jippremetti illi huwa kien impjegat mas-socjeta' konvenuta bhala negozjant tal-proprjeta', fuq bazi ta' 'commissions'

miftiehma, u li fl-24 ta' Novembru 2002 huwa biegh proprjeta' li kienet tappartjeni lis-socjeta' konvenuta ghall-ammont ta' tnejn u hamsin elf lira Maltin (Lm52,000). Skond il-ftehim li kellu mas-socjeta' konvenuta, l-attur kellu jithallas l-ammont ta' Lm728, bhala 'commission' dovut lilu fuq dan il-bejgh, liema ammont ma thallasx u ghalhekk kellu jipprocedi kontra s-socjeta' konvenuta bil-kawza odjerna.

Meta xehed quddiem dan it-Tribunal kif diversament presjdut, l-attur spjega illi l-ftehim li huwa kellu mas-socjeta' konvenuta kien wiehed verbali, u li ma kien hemm xejn bil-miktub. Rigward il-'commissions', huwa qal li kien intitolat ghal tlett tipi ta' 'commissions' differenti. Fl-ewwel kaz, jekk l-attur dahhal proprjeta' fir-rekords tas-socjeta' konvenuta u din kienet tinbiegh, huwa kien ikun intitolat ghal 'commission' ta' 40% tal-5% 'commission' li kienet tkun intitolata ghalih is-socjeta' konvenuta. Fit-tieni kaz, jekk il-proprjeta' kienet tkun diga fuq il-kotba tas-socjeta' konvenuta, u l-attur jbiegh tali proprjeta', kien ikun intitolat ghal 30% tal-5% 'commission' tas-socjeta' konvenuta. Fit-tielet kaz, jekk il-proprjeta' tkun tas-socjeta' konvenuta stess, jekk din tinbiegh mill-attur, huwa kien ikun intitolat ghal 40% tat-3.5% 'commission' tas-socjeta' konvenuta.

Fil-fatt fil-kaz odjern, l-attur jikkontendi illi huwa biegh proprjeta' li kienet tappartjeni lil-George Spiteri, direttur tas-socjeta' konvenuta stess, liema proprjeta' inbieghet bil-prezz ta' Lm52,000 lil certu Kevin Borg mill-Marsa, u li ghalhekk il-'commission' dovut lilu huwa ta' 40% tat-3.5% 'commission' li thallset is-socjeta' konvenuta, u li skond hu jammonta ghal Lm728.

Illi sussegwentement, l-attur esebixxa kopja tal-kuntratt ta' bejgh in kwistjoni, li huwa semma specifikament kemm fl-Avviz minnu pprezentat, kif ukoll fix-xhieda tieghu, u fejn jidher pero illi l-

kuntratt huwa datat 6 ta’ Dicembru 2002, u mhux 24 ta’ Novembru 2002, kif qal l-attur. Di piu, mill-kuntratt jidher car illi l-prezz tal-bejgh mhuwiex dak ta’ Lm52,000 kif semma l-attur, izda Lm39,000.

Illi t-Tribunal jibda biex jiddeplora n-nuqqas ta’ precizjoni u attenzjoni li l-attur ta fir-rigward tad-dettalji fuq imsemmija, meta proprju qed jibni l-kawza kollha tieghu fuq dan il-kuntratt. Wiehed jiskanta kif l-attur ma kienx kapaci almenu jivverifika d-dettalji (bhal data u prezz tal-bejgh) li kienu jinsabu fil-kuntratt, meta pprezenta l-Avviz, jew almenu meta beda jixhed.

Illi minn-naha taghha, s-socjeta’ konvenuta fl-ewwel lok eccepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(e) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi l-istess Artikolu jiddisponi hekk kif gej:- ‘*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar:- ‘L-azzjonijiet tas-sensala, ghad-dritt tas-senserija’*.

Illi t-Tribunal jidhirlu li dan l-Artikolu ma japplikax ghall-kaz in kwistjoni ghaliex huwa car illi r-relazzjoni guridika tal-attur mas-socjeta’ konvenuta hija dik ta’ dipendent tas-socjeta’ konvenuta, u kwindi huwa mhuwiex sensar fis-sens li titlob il-ligi. Ghalhekk, t-Tribunal qed jichad l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta’ konvenuta.

Illi in sostenn kemm tad-difiza taghha, kif ukoll tat-talbiet taghha, kif kontenuti fil-kontro talba, s-socjeta’ konvenuta pproduciet bhala xhieda taghha lil George Spiteri, direttur tal-istess socjeta’ konvenuta, u Ronald Camilleri.

Illi x-xhud George Spiteri jsostni illi l-ammont mitlub minghand l-attur mhuwiex dovut minghand is-socjeta’ konvenuta izda se mai minn socjeta’ ohra li jisimha Grands Developers Limited, li wara

kollox kienet il-proprjetarja tal-proprjeta' li nbieghat, u li ta' liema huwa wkoll direttur.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, u partikolarment fid-dawl tad-diskrepanzi serjissimi li hargu mix-xhieda tal-attur, fis-sens illi huwa qieghed jitlob haga a bazi ta' kuntratt meta l-istess kuntratt ma jaqbilx ma dak li qed jigi allegat mill-attur stess, iwassal sabiex it-tezi tal-attur ma tistax tigi accettata, u ghalhekk dan it-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jilqa t-talba attrici.

Illi t-Tribunal ser jghaddi biex jikkunsidra t-talba tas-socjeta' konvenuta kif kontenuta fil-kontro-talba taghha.  Hawnhekk, is-socjeta' konvenuta qed titlob minghand l-attur s-somma ta' Lm1,330, rapprezentanti flus migbura mill-attur in konsegwenza ta' bejgh ta' proprjeta' li ggib l-isem Palazzo Quirinali, Flat No.8, Triq il-Port Ruman, Qawra.

Illi meta xehed darba, darbtejn George Spiteri, huwa dejjem semma l-ammont ta' Lm1,900 bhala l-ammont dovut mill-attur, u mhux l-ammont ta' Lm1,330 kif mitlub fil-kontro-talba.  Dan ghal darb'ohra juri l-atteggjament traskurat ghall-ahhar tal-partijiet f'din il-kawza, li ma ndenjawx ruhhom li jkunu precizi waqt li taw ix-xhieda taghhom bil-gurament, dwar dak li qedin jitolbu u li suppost hu dovut.  Dan kollu jwassal biex it-Tribunal jiddubita b'mod serju l-kredibilta' taghhom.

Illi in verita' dwar din il-kontro-talba, wara li t-Tribunal studja bir-reqqa x-xhieda moghtija miz-zewg nahat, jinnota illi ma hemmx provi sufficjenti sabiex iwasslu ghall-kundanna tal-hlas ta' l-ammont mitlub.  Ma ngabet l-ebda prova dokumentarja in sostenn tat-talba, bhal per ezempju kopja tal-kuntratt tal-bejgh u xiri tal-proprjeta' in kwistjoni, sabiex dan ikun jista' verament jigi verifikat.  Ma ngabet l-ebda prova li tali proprjeta' kienet verament fuq il-kotba tas-

socjeta’ konvenuta diga meta nbieghet mill-attur. Di piu, ma ngabet l-ebda prova illi l-attur fil-fatt gabar il-flus in kwistjoni. Ma ngabet l-ebda prova ta’ xi korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet dwar dan l-ammont, u fil-fatt jidher li l-ewwel darba li dan l-ammont gie msemmi kien proprju meta bdiet din il-kawza.

Illi dan kollu jwassal sabiex it-Tribunal jikkonkludi illi fil-fatt din il-kontro talba hija bla bazi, u saret biss sabiex b’xi mod tostakola t-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi kollha, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jichad l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta.

Fit-tieni lok jichad ukoll it-tielet eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, pero jilqa t-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u konsegwentement jichad it-talba attrici.

Fit-tielet lok jilqa l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tas-socjeta konvenuta u jichad l-istess kontro-talba.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha tal-kawza inkluzi dawk tal-kontro-talba jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

Din is-sentenza ma ghogbot lill-ebda parti fil-kawza tant li t-tnejn li huma intavolaw appell lil din il-Qorti biex isostnu t-talba jew il-kontro-talba. B’mod generali z-zewg appelli elaborati, sija dak principali ta’ l-attur, sija dak incidentali tas-socjeta` konvenuta, jqanqlu obbjezzjoni kontra l-apprezzament mit-Tribunal tal-provi processwali;

Fl-ispecifiku, l-attur jilmenta illi t-Tribunal zbaljatament irraguna illi kien hemm nuqqas ta’ precizjoni tal-fatti sottostanti t-talba tieghu. Huwa jikkontendi illi r-rwol

tieghu kien dak ta' *negotiator* tal-proprjetajiet u li jsib xerrejja prospettivi ghal dawn l-istess proprjetajiet, kif hekk kien il-kaz fin-negozju tal-proprjeta` li tieghu kien qed jitlob minghand is-socjeta` konvenuta l-hlas tal-kummissjoni dovuta lilu;

Da parti taghha, is-socjeta` konvenuta tillanja illi t-Tribunal kien bil-bosta zbrigattiv meta ddispona mill-kontro-talba taghha. Hi ssostni illi fl-atti kien hemm provi sufficjenti li jsostnu l-pretensjoni taghha tal-kundanna mitluba biex l-attur jirrimborsalha s-somma ritenuta minnu minn bejgh tal-proprjeta` indikata fl-istess kontro-talba. Flimkien ma' l-appell incidentali taghha s-socjeta` konvenuta esebit dokumenti ghall-iskop li tissostanzja l-gravam sollevat minnha;

Huwa fl-ordni naturali li din il-Qorti tibda biex tinvesti l-appell principali ta' l-attur, b'dan li, qabel xejn, u riferibilment ghaz-zewg appelli, tinhass il-htiega li jsiru dawn il-konsiderazzjonijiet introduttivi:-

(1) Hu mholli fil-poter esklussiv tal-partijiet fil-kawza xi provi jridu jipproducu. Dmir it-Tribunal adit mill-mertu hu dak, imbaghad, li jiddeciedi unikament fuq l-provi offerti mill-partijiet ghall-ezami tieghu;

(2) Il-principju ta' l-oneru tal-provi jibqa' dak generali fis-sens li l-piz hu mghobbi fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba ghas-suffragju tat-talba, tal-kontro-talba jew ta' l-eccezzjonijiet ghalihom;

(3) Hu rizervat lill-poter diskrezzjonali tat-Tribunal il-valutazzjoni ta' dawk l-istess fatti u provi prodotti ghal fini tal-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Skond gurisprudenza pacifika, in linea ta' massima din il-valutazzjoni hi insindakabbli minn Qorti ta' revizjoni jekk tinstab li hi logikament kompatibbli, fil-motivazzjoni u l-konkluzjoni tal-gudizzju, ma' l-elementi tal-provi. Dan, ammenokke, u kif ammonit, ma jkunx jirrizulta illi dik id-diskrezzjoni valutativa hi wahda arbitrarja, ingusta u mhux

maghmula "*con discernimento e giudiziosamente secondo l'esigenza del caso e lo spirito delle leggi*" (Ara **Kollez. Vol. VII pagna 523**);

Premessi l-principji suddetti in materja ta' provi u tal-gudizzju dwarhom, jidher mill-korp tas-sentenza appellata illi fir-ragonament li ghamel konducenti ghac-cahda tat-talba ta' l-attur, it-Tribunal irravviza kuntrast bejn id-deposizzjoni testimonjali ta' l-attur u dak tad-dokument minnu esebit u l-premessi tad-domanda tieghu;

Fuq il-bazi tal-kumpless tal-provi din il-Qorti, rispettosament, ma taqbelx ma' dan ir-ragonament. Jidher evidenti mill-atti illi l-elementi tal-provi utilizzati mit-Tribunal ma kienux komprensivi tad-dokument esebit a fol. 74 intitolat "Record Sale of Property". Minnu hu sew distingwibbli illi:-

(1) Il-proprjeta` *de quo* indikata fuqu kienet, flimkien mal-prezz ta' l-istess, tikkostitwixxi t-termini tal-promessa tal-vendita tieghu (24 ta' Mejju 2002) bl-intervent ta' l-attur, firmatarju ta' l-istess dokument;

(2) L-istess dokument kif muri fuq il-wicc tieghu, jirreferixxi fl-intestatura ghal Grands Real Estate Limited;

Ghal dawk li huma dettalji x-xhieda ta' l-attur trid necessarjament tigi inkwadrata fil-qafas ta' l-imsemmi dokument u mhux ukoll f'dak tal-kuntratt tal-bejgh tas-6 ta' Dicembru, 2002 (fol. 24), anke jekk dan, s'intendi, huwa importanti ghal skop ta' verifika illi dik il-proprjeta`, skond dik il-weghda ta' bejgh kif muri b'dak id-dokument l-iehor, giet effettivament mibjugha lill-akkwirenti li ppromettew li jixtruha. L-atti tal-kawza jkomplu jiddemostraw illi minn meta l-attur irrealizza dak il-bejgh lil dawk l-akkwirenti huwa ma baqax involut f'ebda negozjati ohra sal-konkluzjoni tal-kuntratt finali. Minn ebda parti ta' l-Avviz, imbaghad, ma tirrizulta xi referenza espressa ghal dan il-kuntratt imma kollox kien marbut mad-data tal-weghda tal-

bejgh tal-fond u kien linearjament ma' dan li ddepona l-attur. Huwa *res inter alios acta* jekk il-proprjetarja tal-fond mibjugh kienetx socjeta` diversa minn dik konvenuta, ghaliex dak li hu fundamentali hu li dik il-proprjeta` kienet fid-database tal-kumpanija konvenuta ghal liema l-attur kellu access, u kienet din li nbieghet bl-intermedjazzjoni ta' l-attur fil-vesti ta' *negotiator*. Ara xhieda ta' l-attur a fol. 18 *et sequitur*;

Minn dan biss delinejat hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi d-diskrezzjoni valutativa tat-Tribunal ma tistax tregi fuq il-bazi tal-provi attendibbli u l-aktar dawk tac-cirkustanzi ta' fatt dedotti a fondament tat-talba ta' l-attur. Huwa l-kaz ghalhekk illi din il-Qorti tiddipartixxi mir-ragonament u mill-konkluzjoni tat-Tribunal in kwantu jikkoncerna din it-talba;

Mhux l-istess haga jista' jinghad dwar il-motivazzjoni u r-*ratio decidendi* tat-Tribunal fir-rigward tal-kontro-talba. Il-Qorti tibda l-ewwelnett biex taghmel dan il-kumment generali fir-rigward tad-dokumenti esebiti mis-socjeta` konvenuta flimkien mar-risposta ta' l-appell taghha kontenenti l-aggravji incidentali. Ghalkemm dawn id-dokumenti flimkien mar-rikors jew mar-risposta huma ammissibbli skond l-Artikolu 145 tal-Kapitolu 12, huwa necessarju li wiehed japporta ruhu ghaz-zmien li insorgiet fis-socjeta` konvenuta l-interess li taghmel il-prova b'dawk id-dokumenti. Dan anke ghaliex, kif insenjat, "hemm bzonn biex il-Qorti fi grad ta' appell ikollha verament il-funzjoni li ghandhom ta' qrati ta' revizjoni, u biex ma jsirux qrati ta' 'prim istanza', u biex dawn ta' l-ahhar ma jsirux qrati li quddiemhom il-kawza jsiru taparsi bir-rizerva li l-kawza ssir ahjar quddiem l-appell, illi t-trattazzjoni tal-kawza quddiem il-Qorti t'Isfel tkun, sa fejn kien legalment possibbli, ezawrjenti u kompleta mill-provi kollha li kienu mehtiega, biex meta l-Qorti t'Isfel tiddeciedi jkollha verament quddiemha dak kollu li l-partijiet setghu jgibu 'l quddiem ghas-soluzzjoni tal-kaz". (**Kollez. Vol. XXIX P I p 1592**);

Maghdud dan, anke kieku stess kellha din il-Qorti tikkonsidra l-istess dokumenti esebiti jkollu jinghad li dawn jimmilitaw kontra t-tezi ta’ l-istess socjeta` konvenuta in kwantu, jekk wiehed joqghod ghal dak espress fil-kuntratt tat-30 ta’ Ottubru 2003 u li fuqu s-socjeta` konvenuta tiffonda t-talba rikonvenzjonali, ghandu jirrizulta illi “senserija mhix dovuta skond dan it-trasferiment”. Li jfisser, illi ma jistax ikun illi, kif allegat, l-attur gabar fuq dak il-bejgh is-somma domandata bhala restituzzjoni;

Bi twegiba, imbaghad, ghal certi sottomissjonijiet ta’ l-istess socjeta` appellanti ma jistax ma jigix ikkonstatat mill-materjali probatorju illi minn imkien mix-xhieda ta’ l-attur ma tirrizulta xi konfessjoni li biha ammetta l-allegazzjoni tal-kumpanija appellata. Meta dan jigi akkopjat mad-dikjarazzjoni guramentata ta’ George Spiteri, rapprezentant ta’ l-istess kumpanija, a fol. 69 *et sequitur* tal-process huwa altru minn car illi l-istess kumpanija ma pprovatx il-premessa tal-kontro-talba taghha una volta li minn dik l-istess dikjarazzjoni jinsorgi d-dubju anke fl-istess rapprezentanti, jekk l-attur gabarx, o meno, b’mod dirett xi flus ta’ kummissjoni minghand it-terzi fuq il-bejgh mertu tal-kuntratt. Dan, biex ma tizdiedx ukoll l-osservazzjoni ta’ l-ezistenza ravvizata ta’ dik il-konfuzjoni bejn l-ammont pretiz skond dik l-istess dikjarazzjoni (Lm1900), u dak domandat bit-talba rikonvenzjonali (Lm1330). Quddiem din il-qaghda din il-Qorti ttenni, bhat-Tribunal qabilha, illi l-kontro-talba giet istitwita b’mera rejazzjoni ghat-talba ta’ l-attur u mhux ghaliex s-socjeta` konvenuta kienet, fil-konkret, intitolata tirrikjama xi drittijiet fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell principali ta’ l-attur u f’dan is-sens tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li cahdet t-talba tieghu. Tilqa’ invece l-istess talba u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mija u tmienja u ghoxrin lira (Lm728) ekwivalenti ghal elf sitt mija u hamsa u disghin euro, tmienja u sebghin centezmu (€1695.78) rapprezentanti

hlas dovut ta’ kummissjoni. Tirrespingi invece l-appell incidentali sottomess mis-socjeta` konvenuta u, konsegwentement, tikkonferma dik il-parti tad-decizjoni li cahdet il-kontro-talba ta’ l-istess socjeta` konvenuta. L-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jitbatew mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------